MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 8/2011/1

**Emidio Azzopardi u martu Catherine Azzopardi**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

Il-Hamis, 7 ta' Novembru 2013.

Dan hu appell minn sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-12 ta' April 2013 fejn fil-parti dispozittiva jinghad hekk:-

*"[….] jilqa' in parte l-appell tar-rikorrenti u jnaqqas il-likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), bil-kont nru. IV104842 mahruga fil-konfront tar-rikorrenti bil-mod segwenti: il-valur addizzjonali taxxabbli qed jigi mnaqqas minn €139,886 ghal €69,943 u konsegwentement t-taxxa addizzjonali dovuta mir-rikorrenti hija ta' €3,500 u t-taxxa addizzjonali tammonta ghal €3,500"*.

Il-kwistjoni bdiet meta l-appellat baghat kont, datat 14 ta' Mejju 2008, lill-appellant ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali fir-rigward tat-trasferiment ta' appartamenti numru 3, penthouse numru 5 u zewg garaxxijiet bin-numru 6 u 7, Esmeralda Court, Triq Santa Marija, Marsalforn, Ghawdex. Skond l-istima li ghamel l-appellat it-taxxa addizjonali dovuta mill-appellant kienet ta' €6,995. L-appellanti kkontestaw it-talba. B'decizjoni tal-31 ta' Mejju 2011 l-appellat cahad it-talba tal-appellanti u qal:-

*"5. As regards additional duty, was imposed in terms of article 52(4) of the Duty on Documents and Transfers Act, (Cap 364), whereby the transferee shall be liable to pay an additional duty equal to the amount of estimated duty as determined by the Commissioner. The amount of additional duty properly chargeable in this case was €6,995. However, the Commissioner sees no valid reason to remit or reduce the additional duty incurred."*.

L-appellanti rrikorrew quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' rikors prezentat fid-9 ta' Settembru 2011, u fit-12 ta' April 2013 it-Tribunal ta s-sentenza fejn laqa' parzjalment l-appell fis-sens li t-taxxa addizzjonali dovuta ma kenitx dik pretiza mill-appellat imma s-somma ta' €3,500.

L-aggravju tal-appellant hu li fis-sentenza t-Tribunal naqas milli jaghmel rizerva li jigi applikat l-Artikolu 52(4)(a) tal-Kap. 364 li jaghti l-opportunita' lid-debitur li jibbenifika minn riduzzjoni tat-taxxa addizzjonali iktar ma jhallas malajr. F'dan ir-rigward l-appellanti qalu:-

*"Illi fl-appell odjern l-esponenti mhux qed jikkontestaw l-ammont ta' €3,500 illi gie likwidat mill-ewwel Tribunal in linea ta' taxxa. Tant hu hekk illi huma sejrin ighaddu sabiex ihallsu l-istess ammont ta' €3,500; ovvjament minghajr pregudizzju ghal dak illi huwa provdut fl-appell odjern in kwantu dana jitratta l-kwistjoni ta' taxxa addizzjonali;*

*Illi minflok huma qed jikkontestaw dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Tribunal ordna l-hlas ta' taxxa*

*addizzjonali u dana fl-ammont ta' €3,500. Illi l-ligi tipprovdi b'mod car u univoku meta hija dovuta taxxa addizzjonali, u certament illi l-Artikolu relattiv ma jhalli l-ebda dubju dwar meta u kif hija dovuta taxxa addizzjonali……….*

*Illi l-esponenti jikkontendu illi l-ewwel Tribunal ma kellu qatt jistipula l-ammont dovut in linea ta' taxxa addizzjonali, jew almenu kemm-il darba huwa ried jaghmel dan, dan kellu jaghmlu b'rizerva ghall-Artikolu 52 tal-Kap. 364 – kif wara kollox timponi l-ligi stess. Fil-fatt l-Artikolu 10 illi jinsab ikkwotat aktar 'il fuq jipprovdi testwalment illi dana japplika minghajr pregudizzju ghall-kontenut ta' l-Artikolu 52 ta' l-istess Kapitolu.".*

L-appellat wiegeb permezz ta' risposta li pprezenta fit-30 ta' Mejju 2013, fejn iddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal hi gusta u ghandha tigi kkonfermata.

L-aggravju tal-appellanti hu bazat fuq dak li kien jipprovdi l-Artikolu 52(4)(a), cjoe:-

*"(a) jekk il-pagament tat-taxxa u tat-taxxa addizzjonali kif provdut f'dan l-artikolu jsir matul iz-zmien **mid-data ta' stima** kif dikjarata fl-ewwel kolonna hawn isfel, it-taxxa addizzjonali li jkollha tithallas ghandha tonqos ghall-ammont percentwali li jkun jikkorrispondi ghal dan fit-tieni kolonna hawn isfel, u ebda taxxa addizzjonali ma ghandha tithallas ghar-rigward tal-ammont ta' taxxa u ta' taxxa addizzjonali relattiv hekk imhallsa, u ma ghandha tintlaqa' ebda oggezzjoni dwar dan…..".*

Fl-ewwel lok jekk wiehed kellu jaqbel mat-tezi tal-appellanti, il-qorti ma taqbilx li fis-sentenza t-Tribunal kellu jaghmel xi rizerva espressa ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 52(4)(a) sabiex l-appellanti jkunu jistghu jgawdu mill-beneficcju li jaghti l-imsemmi provvediment.

Fit-tieni lok il-qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni li taw l-appellanti. Hi l-fehma tal-qorti li dan il-provvediment kien japplika biss fejn id-debitur ma jikkontestax it-taxxa addizzjonali ffissata mill-appellat u jhallas entro t-terminu stabbilit fl-istess provvediment, u b'hekk igawdi minn

skont. Hu evidenti li l-provvediment kien incentiva sabiex persuna:-

i. ma tikkontestax il-kont; u
ii. thallas fl-iqsar zmien possibbli ghaliex ikbar ikun l-iskont tal-ammont likwidat mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Tant hu hekk li l-Artikolu 52(4)(a) kien jipprovdi li l-pagament kellu jsir *"[….] matul iz-zmien* ***mid-data ta' stima*** *kif dikjarata fl-ewwel kolonnna hawn isfel…"* (enfazi tal-qorti). L-istima ssir mill-Direttur Generali (Taxxa) u hadd iktar. It-Tribunal ma johrogx stima imma decizjoni finali dwar l-ammont ta' taxxa li jkun dovut. Konferma ta' dan insibuha fl-Artikolu 52(1) fejn fl-ahhar parti tieghu jinghad li l-istima ssir mid-Direttur Generali (Taxxa). 'Il fatt li t-Tribunal ta lill-appellanti parti mir-ragun tant li minn taxxa addizzjonali ta' €6,995 naqqasha ghal €3,500 ma jfisser xejn. Bir-ragunament tal-appellanti, qeghdin jippretendu li l-qorti tinterpreta l-Artikolu 52(4) tal-Kapitolu 364 bhala applikabbli wkoll fejn isir appell quddiem Tribunal. Dan m'huwiex possibbli peress li minn qari tal-istess provvediment hu evidenti li l-beneficcju li jaghti l-Artikolu 52(4)(a) tal-Kap. 364 jittiehed biss fejn id-debitur ihallas fit-terminu stipulat fl-istess provvediment, u li jibda jiddekorri mid-data ta' stima. Hu minnu li fid-decizjoni tat-Tribunal l-appellanti nghataw parti mir-ragun. Pero' hu minnu wkoll li hallsu taxxa nqas milli suppost minhabba l-valur tal-proprjeta kif dikjarata fl-att tad-divizjoni tat-12 ta' Ottubru 2007 pubblikat min-nutar Dr Enzo Dimech. Mela skond il-ligi, l-appellanti ghandhom ihallsu taxxa addizzjonali. Il-beneficcju li d-debitur hu moghti fl-Artikolu 52(4)(a) u li jwassal sabiex ma jhallasx taxxa addizjonali, hu moghti ghall-perjodu limitat. Perjodu li lehaq ghadda gialadarba giet ikkontestata l-istima li hareg id-Direttur Generali (Taxxa).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talba tal-appellanti biex tvarja s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, u ghalhekk tikkonferma s-sentenza tat-12 ta' April 2013. Spejjez a karigu tal-appellanti**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------